Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 531/2013

**Evan Agius [I.D. 76676 M] bhala l-persuna li tiggestixxi n-negozju bl-isem IV Cellars (appellat)**

**Vs**

**Aphrodite Ltd. [C 37308] (appellant) u b'digriet tal-24 ta' Jannar, 2014 giet ikkonfermata l-kjamat fil-kawza ta' Andrew Pace (appellat)**

20 ta' Jannar, 2017.

Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fis-17 ta' Settembru, 2013 fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-attur talab li l-kumpannija konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €2,245.06 rapprezentanti l-prezz ta' diversi konsenji ta' xorb lilha mibjugha u kkonsenjati fil-fond minnha gestit bl-isem Salvino's *Restaurant* u dan bejn l-erbatax (14) ta' Novembru 2012 u t-tnax (12) ta' Jannar 2013.

Il-kumpannija konvenuta wiegbet:

> *"Illi s-socjeta' konvenuta ma hijiex responsabbli ghall-hlas pretiz mill-attur.*
>
> *Illi l-persuna responsabbli hija Andrew Pace ta' Victoria, 113, John Borg Street, Birkirkara li tieghu qed tintalab il-kjamata fil-kawza.*
>
> *Salv eccezzjonijiet ohra."*

L-imsejjah fil-kawza Andrew Pace wiegeb:

> *"1. Illi l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu kien impjegat tas-socjeta' Aphrodite Limited li kienet tiggestixxi n-negozju "Salvino's" u dejjem agixxa f'isem l-istess socjeta'.*
>
> *2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt".*

Permezz ta' sentenza tal-14 ta' Frar 2014, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, iddecieda l-kawza billi llibera lill-imsejjah fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju u kkundanna lill-kumpannija intimata thallas lill-attur s-somma ta' €2,245.06;

Is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

i. Mill-provi t-Tribunal qatt ma seta' jasal ghal konkluzjoni li fil-fatt wasal ghaliha. Pace kien inkarigat mill-gestjoni ta' Salvino's Restaurant u kien hu li jaghmel l-ordnijiet kollha. Bhala mpjegat tas-socjeta konvenuta, Pace huwa agent u bhala tali ma setax jidhol fi djun meta gie ordnat biex ma jaghmilx dejn (artikolu 53 tal-Kodici tal-Kummerc).
ii. Il-kontijiet huma ndirizzati lil *'Salvino's Andrew Pace'* u mhux lill-konvenuta.
iii. Pace kellu wkoll persentagg mill-bejgh. Ghalhekk kien ukoll shab fin-negozju.
iv. Diga' kien hemm kaz fejn Pace kien accetta li jhallas €5,000 ghal xoghol li kien gie fatturat lil Aphrodite Limited. Ghalhekk it-Tribunal kellu jintebah li Pace kien jixtri xoghol ghalih personali u jiffatturah fuq ir-restaurant.

L-appellati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

**<u>Fatti.</u>**

i. Is-socjeta Aphrodite Ltd ghandha r-restaurant Salvino's.
ii. Ir-restaurant kien imexxieh il-konvenut, li kien impjegat tas-socjeta konvenuta.
iii. L-attur ikkonsenja merkanzija fir-restaurant u hareg kontijiet (fol. 16-26). Dan kien matul il-perjodu 14 ta' Novembru 2012 sat-12 ta' Jannar, 2013. Fil-kontijiet jinghad; *"Delivered to Salvino's (Mr Andrew Pace)"*.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. **<u>L-ewwel aggravju.</u>**

Mit-twegiba li kienet tat is-socjeta konvenuta, ma jirrizultax li kienet tat eccezzjoni fis-sens li l-konvenut Pace kien mar *ultra vires* is-setgha li kien inghata fil-gestjoni tar-restaurant Salvino's. F'kull kaz, Francis Sullivan xehed:

*"L-istruzzjonijiet li jiena kont tajt lil Andrew Pace kien illi jixtri wahda b'lura. Dan ifisser illi llum jaghmel ordni, jehodha u jirceviha, mbaghad meta jerga' jaghmel it-tieni ordni jhallas tal-ewwel ordni"*.

Meta xehed, Francis Sullivan qal:

*"jiena li mhux qed naqbel huwa li huwa kien jixtri l-affarijiet fuq isem is-socjeta intimata, juzahom ghalih u ma jhallashomx"* (fol. 44).

Dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-artikolu 53 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13). Inoltre, l-merkanzija oggett tal-kawza u li taghha l-attur qieghed jitlob il-hlas kienet inbid. Jekk il-qorti kellha tistrieh fuq il-verzjoni li ta Sullivan, pjuttost jirrizulta li Pace kien awtorizzat li jixtri xorb bid-dejn. L-uniku kundizzjoni li kien hemm kienet dwar meta kellu jithallas dak id-dejn. Pero' kontra l-verzjoni ta' Sullivan hemm dik li ta Pace:

*"…… konna wasalna ghad-decizjoni li l-inbid kien l-uniku haga li jibqa jinxtara bi kreditu"*.

2. **<u>It-tieni aggravju.</u>**

Il-fatt li fil-kontijiet jissemma l-isem Andrew Pace ma jfissirx li hu kien il-legittimu kontradittur. Mill-provi rrizulta li Pace kien jordna l-merkanzija ghar-restaurant, liema negozju kien tas-socjeta appellanti. Sahansitra rrizulta li fuq il-kontijiet hemm stampat in-numru tal-VAT tas-socjeta appellanti. L-attur xehed li huwa dejjem fehem li Pace kien semplici mpjegat.

3. **<u>It-tielet aggravju.</u>**

Ghalkemm Pace kellu wkoll sehem fil-qliegh tan-negozju, xorta kien mpjegat. In-negozju kien tas-socjeta appellanti. Francis Sullivan stess xehed li Pace, *"…. Kull ma kien kien impjegat, xejn inqas u xejn iktar"* (fol. 44).

4. **<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

Dak li seta' gara fir-rigward ta' merkanzija ohra ma jfissirx li japplika ghall-kaz in ezami. M'hemmx provi li l-merkanzija li kienet giet ordnata ghar-restaurant, intuzat minn Pace ghal xi negozju iehor. F'kull kaz ukoll jekk sar hekk, l-attrici m'ghandhiex x'taqsam ma' dak li seta' ghamel Pace. F'kull kaz Pace xehed (fol 57):

*"Nghid illi din l-iskuza u cioe' meta jiena hallast lil Cassar and Schembri qeghda tintuza wkoll ghal din il-kawza u dan peress illi s-Sur Sullivan jinsab fi problemi finanzjarji kbar u dan fis-sens illi l-kumpannija intimata u s-Sur Sullivan personalment kellhom problemi finanzjarji. Jiena fil-fatt ghadni lanqas biss thallast ta' meta hdimt l-ahhar mas-socjeta' intimata …"*

Il-fatt illi l-kjamat in kawza hallas dak id-dejn hu fih innifsu indizju illi ma kellux diffikulta li jhallas dejn li kien tieghu personali.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.